**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT**
**DR. CAROL M. PERALTA LL.D.**

**AWLA 7**

Illum 15 ta' Frar 2001.

Il-Pulizija
Spettur Carmelo Magri

Vs

Kevin Vella

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Kevin Vella ta' 23 sena bin Carmelo u Grace nee' Mallia imwieled Pieta' fis-6 ta' Gunju, 1977, u li joqghod 'Charles Grace', Triq Alessio Erardi, Zabbar, detentur tal-karta tal-Identita' bin-numru 347177 (M);

Talli fit-18 ta' Marzu, 2000, ghall-habta tas-1.30 ta' filghodu bil-hsieb li jikkommetti serq ta' diversi oggetti mill-hanut bl-isem 'Through Bridge Bar' sitwat f'Albert Town, Marsa, wera' dan il-hsieb billi b'atti esterni ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma' giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu. Liema serq li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, valur li jeccedi l-elf lira maltin (Lm1000) u bil-hin;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, m'obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkel waqt li kien jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmieru billi ma' halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi, jew b'xi mod iehor li jkun.

Wara illi rat l-Artikolu 261 et seq tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat, ma' thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief li ssib lill-imsemmi Kevin Vella hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni.

Fir-rigward tal-piena, din il-Qorti, fil-waqt li qed issib lill-istess Kevin Vella hati, u qeghda tilliberah bil-kondizzjoni li ma' jaghmilx reat iehor fiz-zmien tmintax-il-xahar (18) mil-lum a tenur tal-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta.

Kif ukoll, din il-Qorti, a tenur tal-Artikolu 5 qeghda tapponta lill-Probation Officer Michelle Sultana, sabiex ghall-sitt (6) xhur mil-lum issegwi l-progress tal-imputat u tirraporta verbalment lil din il-Qorti darba (1) fix-xahar.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

MAGISTRAT.